MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 57/2014

**Farsons Beverage Imports Company Limited**

**vs**

**Joe Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti fid-19 ta’ Frar 2014 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut jhallasha s-

somma ta’ sebat elef, mija u erbgha u tmenin ewro (€7,184), import tal-prezz ta’ diversi merci lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta’ attrici skont il-prospett hawn mehmuz, (Dok. “A”) rilaxxjat mis-socjeta’ attrici fir-rigward tieghu; bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Novembru 2013 kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Purtier Saviour Falzon datata 22 ta’ Mejju 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut (fol.11 tergo).

Rat illi fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-4 ta’ Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, mija u erbgha u tmenin ewro (€7,184) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 2013 u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' din l-istess ittra ufficjali.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------